KUNSILL LOKALI **SAN PAWL IL-BAĦAR** LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe
E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

10 LEĠISLATURA

Minuti Numru 6

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar

Lill Membri kollha tal-kunsill Lokali.

Qed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 5 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar **il-Hamis 24 ta' Ottubru 2024, fil-17:30 hrs**.
Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

IFFIRMATA

**Sergio Carbonaro**
**Agent Segretarju Eżekuttiv** 7 ta' Novembru 2024

**Membri Preżenti**:

- Ċensu Galea — Sindku
- Christopher Vella Petroni — Viċi Sindku
- Alexander Agius — Kunsillier
- Sandra Gauci — Kunsillier
- Daryl Connor — Kunsillier
- Clevion Micallef — Kunsillier
- Joseph Matthew Attard — Kunsillier
- Alexandra Smart Costantino — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Skużata

- Alfred Grima — Kunsillier
- Anne Fenech — Kunsillier
- Alan Bugeja — Kunsillier

Sindku – Mayor: Ċensu Galea Viċi Sindku – Vice Mayor: Christopher Vella Petroni
Kunsilliera - Councillors: Alfred Grima, Alexander Agius, Anne Marie Fenech, Sandra Gauci, Daryl Connor, Rachel Antoinette Williams, Alan Bugeja, Clevion Micallef, Joseph Matthew Attard, Mary Borg Alexandra Smart Costantino. Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv – Acting Deputy Executive Secretary Sergio Carbonaro

Il-laqgħa nfetħet mis-sindku Ċensu Galea fil-17.30hrs

## 6.1 Qari ta ittri t'apoloġija

Il- kunsill rċieva avviż ta' apoloġija mingħand il-kunsillier Alfred Grima u Kunsillier Anne Fenech. Il-kunsillier Alan Bugeja kien informa lil Kunsill fil-lagħqa preċedenti li kien ħa jkun msiefer

## 6.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru 5

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija peress li ntbagħtu fil-ħin.

Il- Kunsillier Joseph Matthew Attard ġibed attenzjoni biex ismu jiġi jikkoreġut u jinkiteb Joseph mhux John, minbarra hekk talab li tinkiteb il kelma terapewtiku fejn kien hemm referenza għal laqgħa ma 'servizzi tal- komunità.

Għall-approvazzjoni pproponiet il-kunsillier Rachel Williams u ġew sekondati mill-kunsillier Sandra Gauci

## 6.3 Punti mill-minuti

Is-Sindku Censu Galea nforma lill- kunsill li flimkien ma segretarju eżekuttiv li kellu laqgħa ma CEO ta' l-Awtorita l-Artijiet Sur Robert Vella wara talba li ġiet minn għand Sur Vella stess dwar possibilta ta' bdil tal-konfigarazzoni tas-sit mgħoddi lill- kunsill għal bini ta' Ċentru Ċiviku biex jinbidel xi ftit minn naħa tal-faċċata fuq ta' triq San Gorg. F'dan l-stadju is-Sindku nforma lill-kunsill li għad jridu nistennaw proposti formali minn għand l-Awtorità ta'Artijiet biex il-kunsill jkun jista' jiddeċiedi.
Il-Vici Sindku Chris Vella Petroni nforma lill- kunsill li kien hemm żieda fil- ġbir tal- *bulky* ta' madwar tletin fil-mija li rriżulta żieda fil-pagamenti tal-kuntrattur. Il-Vici Sindku Chis Vella Petroni spjega li parti minn din iż-żieda kienet l-ammont ta rimi ta 'skart b'mod illegali li l-kuntrattur kien ntalab jiġbor.

## 6.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

### Ġnien Joseph P.Caruana

Is-Sindku Censu Galea ta' rendikont ta' laqgħa li saret mal-kuntrattur tal-proġett flimkien ma segretarju eżekuttiv preċedenti Sur Marico Sammut u l-periti tal-proġett. Is-Sindku żied li kien hemm ftiehem li l-kuntrattur jrid lesti sa l-ewwel ġimagħtejn ta 'Novembru . Is-Sindku saħaq ukoll li l-ġnien mhux ha jkun miftuħ għal pubbliku qabel ma jkun ċertifikat b'mod uffiċjali mill-MCCAA.

**Ġnien It-Tfulija Burmarrad**

Is-Sindku Censu Ġalea nforma lill--kunsill dwar reżoluzzjoni mgħoddija mill-Parlament li Ġnien It-Tfulija jiġi devolut lil Burmarrad *football club* għal din raġuni is-Sindku talab laqgħa urġenti mal-Ministru responsabbli mill- Sports Hon Clifton Grima.

**Ġnien Bertu w Tumas Gauci.**

Is-Sindku ta 'spjegazzjoni dwar is- sitwazzjoni li tikkonċerna ġnien Bertu w Tumas Gauci . Dan wara il preżentazzjoni ta 'rapport ġdid li sar MCCAA dwar l-istess ġnien.
Minn dan ir-rapport irriżulta li kien hemm numru ta nuqqasijiet li kien meħtieġ li tittieħed azzjoni immedjata dwarhom mill-istess kunsill lokali. Jekk dawn xogħlijiet ma jkunx jistgħu jsiru il-kunsill qabel li għandha ttieħed deċiżjoni li stess ġnien jingħalaq.

***Bus Shelters***

Is-Sindku kien infurmat mill-Assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali b numru ta' *bus shelters* u siti fejn ghandhom jitwaħħlu. Dan il-process jkun jista jitlesta wara il-kunsill jkun akkwista il-permessi neċessarji minn ghand L-Awtorità ta' ppjanar

**L-aħħar żvilluppi dwar il-kaz ta Fra ben**

Is-sindku flimkien ma Segretarju Eźekuttiv kellu laqgħa fuq il kaz ta, Vladyslava Kravchenko, fejn Avukat John Bonello nforma li kienu nġabru il-flus li jammontaw għal €463.465 u fil-jiem li ġejjien ser jintbgħat rendikont tal-flus li għadd hemm pendenti dwar dan il-kaz. Fuq dan ir-rigward il-kunsill għandu jimxi ma deċiżjonijet li diga ttieħdu mill-kunsill preċedenti aktar kmieni din sena.
Il- Kunsillier Clevion Micallef staqsa jekk kienx hemm polza t' assigurazzjoni , it-tweġiba kienet li l -każ huwa magħluq u anki l-appell.

**6.5 Laqgħa mas-Seg. Parlamentari -Indafa Pubblika u Direttur Ġenerali *Cleansing and Maintenance***

Is-Sindku Censu Galea flimkien mal- Viċi Sindku Chris Vella Petroni u Segertarju Ezekuttiv kien talab li jkollu laqgħa ma Sur Ramon Deguara dwar sitwazzjoni u l-ħaddiema fil-lokalita .F din il-laqgha li għalija kien prezenti is-Segretarju Parlamentari Glen Bedingfield, il-kunsill talab informazzjoni dwar xogħol li kien qed jsir mill- ħaddiema tal- *Cleansing* minhabba diversi lmenti li l-kunsill kien qed jirċievi dwar nuqqas ta' knis minn naha tagħhom u l-mod kif kien qed jsir xogħol fuq il-ħasil tal-bankini. Sur Deguara nforma wkoll li fil-passat kien hemm diskussjoni dwar possibilta li dipartment jgħaddi makkinarju ta' tindif biex jintuza mill-kunsill u sahaq wkoll li id-dipartiment qatt ma kien ha risposta . Il-Vici Sindku Chris Vella Petroni semma il-makkinarju li kien nxtara mill-kunsill għat-tindif u mhux qed jintuża mill-ħaddiema għal diversi raġunijiet. Fl-aħħar ta laqgħa kien hemm qbil li din laqgħa tigi segwita bl-laqgħat oħra bejn dipartment u l-kunsill.

Il-Kunsillier Alex Agius gie skuzat fis-6.45

**6.6 Tilqim tal-vaċċin b'xejn kontra influwenza**

Il-kunsill qabel li jkun hemm sistema ta' registrazzjoni għal min ghandu aktar 65 sena u jixtieq jieħu il-vaccin .Kien deċciz li jkun hemm zmien sa 8 ta' Novembru u skond it-talba il-kunsill jkun jista' jiproċedi.

**6.7 Informazzjoni dwar il-lagħqa ta Reġjun**

Ir-reġjun kien wasal fil proċess biex jistampa ittri b diversi lingwi differenti dwar il-ġbir ta l-iskart, liema ittri għandhom jintbagħtu fil-*households* kollha ta' reġjun.
Ir-reġjun kien nfurmat wkoll li kien għadu ma rċievix il- kommunikazzjoni uffiċjali dwar numru ta' talbiet li għadda lil awtoritajiet pubbliċi.

**6.8 Vjal Kullħadd**

Is-Sindku tkellem dwar Vjal Kullhadd li ġħandha l-ghan li tara s-sehem tal-kunsilli lokali biex jsiru proposti biex fil-lokal jiġu trasformati toroq u spazji pubblici fil-lokalita'.Wara li kien hemm diskuzzjoni ġie ssuġġerit li l-kunsilliera kollha ghandhom irresqu s-suġġerimmenti liema jaħsbu il-postijiet li ghandhom jkunu *pedestrians zone* jew spażju miftuh li nistgħu nżewquhom b'aktar sigar jew ambjent ħadrani

**6.9 Rapporti/jew Approvazzjonijiet ta'Rapport**

Ma kienx hemm

**6.10 Tweġibiet għal-mistoqsijiet tal-kunsilliera.**

Ma kienx hemm sottomissjoni ta' mistoqsijiet

**6.11 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizz**

Ma kienx hemm

**6.12 Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

Il-kunsillier Rachel Williams ipproponiet u l-kunsillier Sandra Smart Costantino s-sekondat rispettivament li l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata kif deċiż mill-kunsill

**6.13 Aġġornament għal-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiem fit-19.05 u aġġornat għal-Ħamis 14 ta 'Novembru fil 17.30